TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT 51/15 MS

Stephen Galea

vs

Solar Engineering Ltd

Illum, 3 ta' Ottubru 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2015, fejn talab ir-rifuzjoni ta' €985.00 (disgħa mija ħamsa u tmenin Ewro)- prezz ta' *airconditioner* 24 BTU li ma kienx tal-kwalita' pattwita peress illi ghandu konsum tal-elettriku iktar milli gie moghti x'jifhem li jahli.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tat-2 ta' Gunju 2015 fejn ikkontestat it-talba tar-rikorrent, u dan billi l-*airconditioner* hu tal-kwalita' pattwita. Jekk kien hemm xi konsum zejjed, dan kien dovut ghal xi nuqqas tar-rikorrent billi halla l-bibien miftuhin u mhux ghal xi nuqqas da parti tal-*airconditioner*.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza. Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Fil-11 ta' Frar 2013 ir-rikorrent xtara *airconditioner* 24 BTU minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €984.99 (disgħa mija ħamsa u tmenin Ewro). Ir-rikorrent insista li dan l-*airconditioner* ma kellux jahlli hafna dawl u ighid li gie assikurat li l-*airconditioner* jahli bejn 3 u 4 units kull tmien sighat. Fl-14 ta' Frar 2013 dan gie installat. Fit-23 ta' Frar 2013 it-teknici marru jinvistaw lir-rikorrent wara ilment illi l-*airconditioner* kien qed jahli zzejjed. Gie moghti parir li jaghlaq il-ventilaturi.

Jidher illi dan ma kienx bizzejjed peress illi r-rikorrent kompla jilmenta dwar il-konsum. Fil-5 ta' April 2013 regghu marru it-techinicians, fejn gie installat meter biex jirregistra l-konsum ta' dan l-AC. Il-meter kellu qari dakinhar ta' 1837 li ma kienx konsum tar-rikorrent.

Ir-rikorrent kompla jilmenta u fit-22 ta' April 2013 is-socjeta' intimata biddlet il-kompressur. Dakinhar il-qari tal-meter kien 1843 li jfisser li f'dsatax - il gurnata il-konsum kien biss 6 units. Ir-rikorrent jispjega dan il-konsum zghir ghall-fatt li l-*airconditioner* ma kienx qed jigi uzat peress illi t-temp f'dak iz-zmien ma jippermettix.

Ir-rikorrent baqa' mhux kuntent tant illi fil-25 ta' Ottubru 2013 adixxa lid-Dipartiment tal-Konsumatur (Ref 2013/08/342), u meta' ma ntlahaqx kompromess, lil dan it-Tribunal.

Ikkunsidra:

Illi rrizulta minghajr dubju illi l-fattur determinanti ghax-xiri tal-*airconditioner* kien l-assikurazzjoni tas-socjeta' intimata illi l-*airconditioner* kien jahli bejn 3 u 4 units kull tmien sighat. Is-socjeta' intimata mhix qed tinnega illi tat din l-assikurazzjoni. Anzi Anthony Saliba ikkonferma illi kienu qalu lir-rikorrent illi l-konsum kellu jkun dak fuq imsemmi.

L-*airconditioner* gie installat fi Frar u bejn Frar u April l-airconditioner qatt ma wassal ghall-ispecifikazzjonijiet imsemmija tant illi s-socjeta' intimata, fit-22 ta' April biddlet il-kompressur u ghall-ftit taz-zmien il-konsum pattwit kien intlahaq. Pero' dan ma damx u sa' Gunju l-konsum rega' zdied. Ir-rikorrent ighid illi cempel diversi drabi ghand is-socjeta' intimata izda dan kien kollu ghal xejn. Zar il-hanut taghhom il-Mosta biex jipprova jilhaq kompromess, izda wkoll ma hax sodisfazzjon.

Illi min-naha l-ohra, s-socjeta' intimata qieghda tghid illi r-rikorrent ma lahqax dak il-grad ta' prova mehtieg mil-ligi sabiex jirnexxi l-istanza tieghu peress illi wara April ma hemm l-ebda *record* illi r-rikorrent halla l-*airconditioner* mixghul ghall-iktar minn 8 sighat.

Ikkunsidra

Illi kif inghad aktar il-fuq, il-fattur determinanti ghax-xiri ta' dan l-AC kien il-konsum. Fuq l-assikurazzjoni tas-socjeta' intimata ir-rikorrent xtara l-*airconditioner* fis-somma fuq indikata. *Ex admissis* dan l-airconditioner kwazi qatt ma lahaq l-ispecifikazzjonijiet pattwiti, kwindi dan l-airconditioner, minkejja li kien jahdem tajjeb ma kienx tal-kwalita' pattwita minhabba l-konsum gholi tieghu. M'hemmx dubju li kieku r-rikorrent kien jaf il-veru konsum ta' dan l-*airconditioner* ma kienx jixtrih u kienu inutli l-interventi tat-teknici tas-socjeta' intimata jekk dan l-*airconditioner* ma kienx ser ilahhaq l-ispecifikazzjonijiet imsemmija.

Dan jintitola lir-rikorrent illi jitlob ir-risoluzzjoni tal-bejgh. It-Tribunal jiccensura lis-socjeta' intimata illi din tat assikurazzjonijiet meta ma kenitx f'posizzjonij li taghmel hekk. Kienet l-istess socjeta' intimata illi ssuggerietlu illi jixtri airconditioner ta' 24,000 BTU u mhux wiehed izghar u kienet l-istess socjeta' intimata illi garantitet il-konsum bejn 3 u 4 units kull tmien sighat. L-argument tas-socjeta' intimata - u cjoe' li r-rikorrent ma ppruvax il-kaz tieghu sal-grad li trid il-ligi - ma jreggix, meta mhuwiex kontestat illi minn Frar sa' April l-airconditoner ma kienx qed jahli konsum kif suppost, u li bejn Gunju u Ottubru 2013, nonostante diversi ilmenti tal-istess natura da parti tar-rikorrent, is-socjeta' intimata ma baghtet ebda tekniku jew rapprezentant fuq il-post biex jivverifika jekk dan l-ilment kienx minnu jew le. It-Tribunal ghalhekk thoss illi dak illi qed ighid ir-rikorrent huwa probabbli u jilhaq il-grad tal-prova li trid il-ligi.

F'din is-sitwazzjoni, kwindi, ir-rikorrent gie moghti *airconditioner* li ma kienx tal-kwalita' pattwita u ghalhekk ghandu dritt illi jiehu lura l-flus jew parti minnhom illi hallas ghal xiri tal-oggett. Peress illi ghal xi zmien, qasir kemm hu qasir, l-airconditioner beda jikkonsma kif suppost, it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' t-talba tar-rikorrent fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddecieda illi jilqa' parjzalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata sabiex tirrifondi lill-istess rikorrent is-somma ta' tmien mija u hamsin Euro (€850.00) ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata illi wara l-hlas ghandha d-dritt tiehu lura l-*airconditioner* imsemmi.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru